Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Joseph Busuttil]

vs

-Omissis-

Kumpilazzjoni Numru: 125/2022

Illum, disgha (9) ta' Gunju, 2025

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentur tal-karta tal-identità -Omissis- bin-numru -Omissis- akkuzat talli fis-sebgha (7) ta' Marzu 2022 u x-xhur ta' qabel gewwa tas-Sliema u /jew

f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. **Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena cioè -Omissis- mwielda fid—Omissis-;**
   *Art 204C ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. **Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel jew ipproduca jew ippermetta li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecenti jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew ghal haddiehor jew wera dak il-materjal indecenti ta' persuni ta' taht l-età.**
   *Art 208A ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

**Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-persuna hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghha.**

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.**

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn hu wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat li fid-disgha (9) ta' Marzu 2022 din il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat il-hrug t'Ordni ta' Protezzjoni a favur -Omissis-;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn u ghoxrin (24) ta' Mejju, 2024 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 17 u 31, tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 204C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 208A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 382, 382A, 383, 384, 385 u 386 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 412C u 412D tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Semghet it-trattazzjoni bejn il-partijiet fis-seduta datata disgha u ghoxrin (29) t'April 2025.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi xehed <u>l-Ispettur Joseph Busuttil</u> li pprezenta fedina penali, dikjarazzjoni tad-dritt tal-avukat, karta tal-identità tal-akkuzat, zewg (2) CDs konenenti l-istqarrija tal-akkuzat, sensiela ta' ritratti, estratti ta' messaggi, rapport, cellulari tal-ghamla iPhone kif ukoll fotokopja tad-dokument ta' residenza tal-vittma minuri. Jghid li fis-sebgha (7) ta' Marzu 2022 ircieva email mill-avukat Dr Roberta Bonello ghan-nom ta' -Omissis- fejn spjegat li bintu u cioè -Omissis- ta' hmistax (15)-il sena kienet giet abbuzata sesswalment minn certu -Omissis-. Jikkonferma li hu ffissa appuntament mal-missier u mat-tifla sabiex jindaga iktar dwar din l-allegazzjoni. Jixhed li missier il-minuri ghandu stabbiliment specjalizzat ta' ikel -Omissis- u kellu bzonn kok, u kien ghalhekk li impjega lil dan -Omissis-. Ikompli jghid li -Omissis- kien ghamel zmien jghix mal-missier u l-minuri stante li ma kellux fejn joqghod u li dan sehh madwar erba' (4) snin ilu. Jghid li ricentement -Omissis- ghamel kuntatt ma' -Omissis- u wara ftit saru hbieb tant li hi kienet tkellmu fuq il-problemi li kienet taffaccja. Jghid li bejn is-sena 2021 u 2022 -Omissis- u l-minuri kienu f'relazzjoni intima u fil-fatt fuq zewg (2) okkazjonijiet ippartecipaw f'atti sesswali. Jixhed li l-att komplut sehh darba (1) minnhom. Ikompli jghid li l-

attivitajiet sesswali kienu jsehhu fl-appartament ta' -Omissis- li fil-fatt huwa l-akkuzat u cioè gewwa -Omissis-.

Ikompli jixhed li waqt li l-akkuzat kellu x'jaqsam sesswalment mal-minuri hu gibed filmat. Jghid li l-minuri ma ndunatx b'dan it-tehid tal-filmat stante li hi kellha daharha lejh waqt l-att sesswali. Izid jghid li mill-filmat l-akkuzat ma jurix wiccu izda mill-arlogg u mit-tattoo l-istess akkuzat jista' jintgharaf. Kien ghalhekk li hu talab mandat t'arrest fil-konfront tal-akkuzat u hekk kif sehh tali arrest, l-akkuzat ittiehed gewwa l-appartament fejn ittiehdu numru ta' ritratti. Izid jghid li l-akkuzat gie mitkellem fil-prezenza ta' interpretu. Jikkonferma li l-akkuzat ghazel li jkellem avukat tal-fiducja tieghu u cioè lil Dr Herman Mula. Jixhed li waqt l-istqarrija l-akkuzat ammetta ghar-reati li allegatament sehhew. Jghid però li l-akkuzat insista li hu kien minghalih li l-minuri kellha tmintax (18)-il sena u dan ghaliex innota li kienet matura ghall-età taghha. Kien ghalhekk li l-akkuzat tressaq il-Qorti quddiem il-Magistrat Dr Nadine Lia fejn wiegeb mhux hati. Jixhed li minn fuq ic-cellulari tal-akkuzat seta' jinnota messaggi li baghat l-istess akkuzat lill-hbieb tieghu kontenenti ritratti tal-minuri li juri li ppartecipa f'attivitajiet sesswali maghha.

Illi xehdet il-vittma minuri **-Omissis-** bil-lingwa Ingliza u bis-sistema awdjo-viziva. Tghid li kellha erbatax (14)-il sena meta sehh l-allegat reat. Tixhed li hi kienet kellmet lill-Ispettur rigward l-akkuza kif ukoll ma' huha l-kbir. Tixhed li hi saret taf lill-akkuzat fis-sena 2018 meta hi kellha tnax (12)-il sena stante li hu kien impjegat fl-istabbiliment ta' missierha. Tghid li hu kien ghex fl-appartament taghha u ta' missierha ghal ftit gimghat u mbaghad sab post iehor fejn jirrisjedi. Tkompli tghid li wara ftit bdew isegwu lil xulxin minn fuq Instagram u kien hemm darba minnhom meta hi bdiet tikkomunika mieghu u tiftah qalbha mieghu rigward il-problemi li kellha meta kienet zghira. Tixhed li din il-komunikazzjoni bdiet meta kellha tnax (12)-il sena. Kien hemmhekk li missierha qalilha biex tieqaf tkellmu u ghalhekk nehhiet kollox minn fuq ic-cellulari izda hi regghet bdiet tkellmu meta kellha tlettax (13)-il sena u dan rigward problemi fil-familja. Izzid tghid li kienet regghet ibblokkat lill-akkuzat fuq struzzjoni ta' missierha izda xorta ghamlet kuntatt mal-istess akkuzat tramite ibnu. Tixhed li eventwalment regghet ghamlet kuntatt mal-akkuzat u dan billi ftiehmu li jiltaqghu fit-tnax (12) ta' Settembru 2021 fl-appartament tal-akkuzat gewwa -Omissis-. Tispjega li hi marret ghandu filghodu fejn qaghdet tisma' l-muzika stante li ma

kellhiex x'taghmel filwaqt li l-akkuzat qaghad jospita lill-habib tieghu. Izzid tghid li wara li dan, il-habib telaq u qaghad inaddaf l-appartament waqt li kien qieghed ipejjep il-haxixa. Tghid ukoll li eventwalment l-akkuzat offrielha xorb alkoholiku u kien ghalhekk li mar u xtara tliet (3) fliexken inbid u minn hemm xorbu zewgt (2) ifliexken minnhom waqt li laghbu xi loghob. Mas-sitt (6) darba li ltaqghu gol-appartament tieghu tghid li hi stqarret mal-akkuzat li kienet thobbu u hu kien ihobbha lura. Kien dak il-hin li hu biesha u hi bisitu lura.

Tkompli tixhed li hi kienet saqsietu jekk hux problema li hija minorenni u hu wiegeb li ma kinitx problema ghalih. Tghid li stante li l-akkuzat kien ilu jafha minn mindu kellha tnax (12)-il sena hu kien jaf kemm kellha zmien meta biesha. *Di piu* ` tghid li missierha kien qal lill-akkuzat li hi kellha l-età ta' tnax (12)-il sena. Tixhed li fil-fatt l-akkuzat kien jaf li hi kienet ghadha tmur l-iskola minhabba l-fatt li hi kienet tigi lura d-dar bl-uniformi tal-iskola. Tixhed li f'Dicembru tas-sena 2021 kellha x'taqsam sesswalment mal-akkuzat. Tikkonferma li din ma kinitx l-ewwel darba li kellha sess ma' xi hadd. Izzid tghid li t-tieni (2) darba li kellha x'taqsam sesswalment mal-akkuzat kienet kemxejn fis-sakra. Tikkonferma

li d-darbtejn li sehhew l-attivitajiet sesswali dawn sehhew fil-kamra tas-sodda tal-akkuzat. Tikkonferma wkoll li r-ritratti mmarkati bhala Dok. JB5 juru l-kamra tas-sodda. Tixhed li f'din it-tieni (2) darba l-akkuzat kien gibed filmat taghhom it-tnejn waqt li kienu qeghdin jippartecipaw f'attivitajiet sesswali. Tkompli tghid li hi ma ndunatx li l-akkuzat kien qieghed jigbed dan il-filmat mill-ewwel stante li kienet naqra fis-sakra u meta ppruvat tnehhih minn fuq ic-cellulari tal-akkuzat, dan hatfilha c-cellulari tieghu minn idha. Tixhed li però l-akkuzat baghtilha dan il-filmat. Tikkonferma wkoll li dwar dan hi kienet kellmet lill-habib taghha -Omissis- fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena 2022 u fil-fatt kienet urietu screenshot ta' dan il-filmat. Tikkonferma li r-ritratti tat-tpingijiet fid-dokument immarkat Dok. JB6 kollha jappartjenu lill-akkuzat.

Inkontroezami tghid li l-problemi tal-familja taghha jikkoncernaw il-fatt li ommha kienet abbandunatha meta kellha sena. Tkompli tghid li problema ohra li kellha kienet il-fatt li huha jigi minn omm differenti u kien anke stupraha u kien ghalhekk li hi kienet bdiet tipprova taqta' jdejha u twegga' lilha nnifisha. Tixhed li r-raguni ghalfejn missierha wissieha biex ma tikkomunikax mal-akkuzat kien stante l-fatt li qaltlu bl-istorja t'ommha. Tixhed li fil-filmat li

gibed l-akkuzat wiccha ma jidhirx izda jidher gisimha u ghalhekk ikkonfermat li kienet hi.

Illi xehed **-Omissis-** li huwa missier il-vittma minuri u jghid li sar jaf bl-allegat reat minn habib tieghu cioè certu -Omissis-. Jixhed li dan l-individwu cempel lis-siehba tieghu stante li kien anzjuz. Jixhed li -Omissis- spjega li kien hemm xi filmati u ritratti li l-akkuzat kien ha tat-tifla tieghu meta kienu qeghdin jippartecipaw f'attivitajiet sesswali. Jikkonferma li bintu jisimha -Omissis-. Jixhed li minhabba din l-informazzjoni kellem lil bintu wara li hadha lura d-dar u hemmhekk irrabja hafna maghha meta hi wrietu l-filmati u r-ritratti inkwistjoni. Izid jghid li hemmhekk bintu spjegatlu l-istorja kollha ta' din ir-relazzjoni li kellha mal-akkuzat. Jixhed li kien hemm messaggi minn fuq Instagram li hu kkancella. Jghid li meta saqsiha biex hi tistqarr mieghu dak kollu li gara, ghall-ewwel bdiet tipprotegih izda fl-ahhar qaltlu li kull darba li kienet tmur sal-appartament tal-akkuzat, l-istess akkuzat kien ikun qieghed jixrob l-alkohol kif ukoll ipejjep il-haxixa. Jispjega li hu jaf lill-akkuzat stante li hu ghandu stabbiliment gewwa tas-Sliema u kellu bzonn jimpjega kok. Kien ghalhekk li hu impjega lill-akkuzat izda wara skopra li l-istess akkuzat kellu certfikati foloz

ghar-rigward l-istudju gastronomiku u li kellu vizzju tad-droga u l-alkohol, u ghalhekk keccih. Jixhed li l-akkuzat kien wasal Malta bejn ix-xhur ta' Settembru u Ottubru tas-sena 2018 u stante li ma kellux fejn jghix hu kien offra lill-akkuzat sabiex jghix fid-dar tieghu ghal madwar tliet (3) xhur. Jixhed li huwa ghalhekk li l-akkuzat iltaqa' ma' bintu ghall-ewwel darba u cioè meta kellha hdax (11)-il sena. Ikompli jixhed li hu ma jafx ezatt kemm ghandu zmien l-akkuzat. Jikkonferma li l-akkuzat dam jahdem ghalih bejn sitta (6) u seba' (7) xhur. Huwa pprezenta sensiela ta' ritratti u ghar-rigward Dok. MA7 jispjega li certu Kevin kien mar l-istabbiliment tieghu wara l-prezentata tal-kaz odjern sabiex jurih dan ir-ritratt kif ukoll jurih filmat li gibed l-akkuzat. Jghid li dan Kevin spjegalu li l-akkuzat wera dan il-filmat lil diversi nies u kollegi li jahdmu mieghu gewwa l-istabbiliment Bottega. Jghid li ghar-rigward id-dokument immarkat Dok. MA10 dan huwa ritratt li ttiehed mic-cellulari ta' bintu.

Illi xehed <u>Kevin Alexander Lopez</u> bil-lingwa Ingliza u jghid li hu jaf lill-akkuzat stante li kien jahdem mieghu ghal madwar erba' (4) xhur gewwa Valletta. Jixhed li jaf lill-vittma minuri stante li l-akkuzat kien ikellmu dwarha. Jispjega li l-akkuzat huwa bniedem

li jhobb jattendi festi u jipprova jghabbi n-nisa. Jixhed li tfajla minnhom kienet il-vittma minuri. Jikkonferma li l-akkuzat kien urih filmat tal-vittma minuri waqt li kienu qeghdin jippartecipaw f'attivitajiet sesswali. Jixhed li tali filmat gie mibghut lilu mill-akkuzat tramite WhatsApp. Jikkonferma li n-numru telefoniku tal-akkuzat huwa -Omissis- filwaqt li tieghu huwa -Omissis-.

Illi xehed **-Omissis-** bil-lingwa Ingliza u jghid li hu sar jaf lill-akkuzat tramite -Omissis- li laqqghu mieghu waqt il-pandemija. Jixhed li -Omissis- ghandu tlett (3) itfal u wahda minnhom hi certa -Omissis-. Jixhed li peress li huwa habib kbir tal-vittma minuri hi setghet tkellmu dwar kollox u waqt li kienu qeghdin jiffesteggjaw fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena 2022, il-minuri kienet qieghda turih xi filmati fuq ic-cellulari taghha meta f'hin minnhom urietu filmat taghha tippartecipa f'attivitajiet sesswali mal-akkuzat. Jghid li hi spjegatlu li kemm hi kif ukoll l-akkuzat kellhom pjanijiet li jitilqu flimkien mill-pajjiz. Jixhed li hu jaf li l-minuri ghandha hmistax (15)-il sena stante li huwa sar habib tal-familja taghha. Jikkonferma r-ritratt immarkat bhala Dok. MA7 bhala ritratt li hu raha minn fuq ic-cellulari tal-minuri.

Illi xehdet **<u>-Omissis-</u>** li tghid li l-vittma minuri hija n-neputija taghha. Tixhed li darba meta harget irceviet telefonata minn certu -Omissis- li qalilha li xtaq ikellimha urgentement. Tghid li hu wrieha filmati tal-minuri li implikaw li kienet f'relazzjoni intima ma' xi hadd. Kien ghalhekk li hi marret tkellem lill-missier il-minuri kif ukoll lill-minuri stess u hi rrakkontatilha kollox. Tghid li -Omissis- spjegatilha li hi kienet f'relazzjoni intima mal-akkuzat u li l-istess akkuzat kellu fil-pussess tieghu filmati u ritratti taghha. Tixhed li hi qatt ma rceviet dawn il-filmati izda taf li l-akkuzat kien xerridhom ma' xi hbieb tieghu. Izzid tghid li l-akkuzat kien anke baghat dawn il-filmati u ritratti lill-minuri.

Illi xehdet <u>PC 2040 Kelsey Bugeja</u> li tghid li fit-tmienja (8) ta' Marzu 2022 marret twettaq l-arrestat tal-akkuzat flimkien ma' PC 1425 Adrian Ciappara gewwa l-istabbiliment "La Bottega" li jinsab gol-Belt Valletta. Tikkonferma li wara li nghata d-drittijiet tieghu l-akkuzat ittiehed gol-appartament tieghu fi Triq Milner, tas-Sliema fejn saret tfittxija kif ukoll hadu numru ta' ritratti. Tikkonferma li r-ritratti mmarkati bhala Dok. JB5 a fol. 21 *et sequitur* tal-atti processwali ttiehdu minnha stess.

Illi xehed PC 1425 Adrian Ciappara li jghid fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena 2022 hu flimkien ma' PC 2040 Kelsey Bugeja marru gol-istabbiliment "La Bottega" gewwa l-Belt Valletta sabiex jarrestaw lill-akkuzat. Hekk kif gie arrestat l-akkuzat inghatalu karta bid-drittijiet tieghu u kien ghalhekk li ttiehed gewwa r-residenza tieghu Milner Flat, Triq Milner, tas-Sliema fejn saret tfittxija. Jikkonferma li wara din it-tfittxija l-akkuzat gie skortat sad-Depot gewwa l-Furjana u kien hemmhekk li xtaq jitkellem m'Avukat tal-ghazla tieghu. Jikkonferma li wara ttiehdet l-istqarrija tal-akkuzat fejn hu kien prezenti flimkien mal-Ispettur Joseph Busuttil.

Illi xehdet Dr Katya Vassallo li pprezentat traskrizzjoni tal-istqarrija tal-akkuzat liema traskrizzjoni giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok. KV1.

Illi xehed Keith Cutajar li gie mahtur fis-sbatax (17) ta' Marzu 2022 sabiex janalizza l-esebit immarkat Dok. JB9 u johrog chats minn kull tip ta' mezzi socjali bejn l-akkuzat u l-minuri kif ukoll bejn l-akkuzat u certu Kevin bin-numru -Omissis-. Apparti minn hekk kien il-kompitu tieghu sabiex jivverifika jekk kienx hemm ritratti jew filmati tal-allegat vittma kif ukoll jaghmel estrazzjoni mic-

cellulari ta' -Omissis-. Kien gie mahtur fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' April 2022 sabiex jaghmel estrazzjoni mic-cellulari ta' certu Kevin Alexander Lopez. Dan kollu gie redatt f'rapport immarkat bhala Dok. KC1.

Illi xehdet **Imelda Fede** li pprezentat traduzzjoni ta' messaggi mmarkati bhala Dok. JB7 u Dok. MA9 mil-lingwa Spanjola ghal dik Maltija.

Illi rega' xehed **l-Ispettur Joseph Busuttil** inkontroezami u jghid li ma jiftakarx jekk kinitx il-minuri li bdiet tikkomunika mal-akkuzat u jekk kinitx qieghda tinsisti li tkompli tikkomunika mieghu. Jixhed ukoll li l-minuri ma qaghditx tispecifika mieghu minn x'tip ta' problemi kellha tghaddi tul hajjitha. Jikkonferma li kienet il-minuri li qaltlu li hi ma tatx il-kunsens taghha sabiex jingibed il-filmat mill-akkuzat. Jixhed li milli jiftakar kien l-akkuzat li hassar il-messaggi minn fuq Facebook Messenger. Jixhed li rigward ir-ritratt a fol. 20 tal-atti processwali hu seta' jikkonkludi li fir-ritratt tidher il-parte civile stante li kienet il-parte civile stess li kkonfermat dan. Jikkonferma però li hu kull ma seta' jara kien id-dahar ta' tfajla, is-sodda tal-akkuzat kif ukoll il-kutri.

Illi rega' xehed **-Omissis-** inkontroezami u jghid li ma kienx hu li hassar il-messaggi minn fuq l-Instagram ta' bintu. Jikkonferma li dawn il-messaggi kien rahom minn fuq ic-cellulari ta' bintu. Jixhed li hu jissuspetta li l-messaggi thassru da parti tal-akkuzat. Jghid però li f'dawn il-messaggi ma kienx hemm diskors fuq atti sesswali bejn il-partijiet. Jikkonferma li hu kellu problema mal-akkuzat rigward ix-xoghol stante li kien imur ghax-xoghol kjarament taht l-effett tad-drogi. Jghid però li hu ma jhallatx il-problemi tax-xoghol ma' dawk personali. Jikkonferma li dawn il-problemi sehhew qabel ma sehh ir-rapport dwar l-allegati reati. Izid jghid li fil-fatt l-akkuzat kien anke mar jirrappurtah mad-DIER fuq pagi mhux imhallsa. Jixhed li madanakollu l-bicca tax-xoghol spiccat b'mod amikevoli.

## Ikkunsidrat

Illi qabel xejn il-Qorti ghandha tiddelibera linja ta' difiza li l-abbli avukati difensuri tal-akkuzat uzaw fit-trattazzjoni taghhom u cioè dik ta' *corrupta non corrumpitur*. Fuq dan il-kuncett il-Qrati taghna ppronunzjaw ruhhom diversi drabi[1]. Din il-Qorti però sejra

[1] **Il-Pulizija vs CB** deciza 14/01/2016, Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali); **The Police vs Jessica Vella et** deciza 09/07/2009, Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri).

tiskarta din id-difiza ghar-raguni li tali difiza hija applikabbli biss ghar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kif sancit taht l-Artikolu 203 tal-Kodici Kriminali u mhux ghar-reat ta' partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena. Ulterjorment, kif ser jinghad aktar 'il quddiem f'din is-sentenza d-differenza kbira fl-età bejn l-imputat u l-vittma minuri teskludi kull possibilità li din id-difiza tigi b'xi mod applikata anke ghal dan ir-reat anke jekk il-minuri seta' kellha xi esperjenzi ohra qabel.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-imputat jinsab akkuzat, fost l-ohrajn, bir-reat ta' partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna minorenni kif sancit mill-Artikolu 204C (1) tal-Kodici Kriminali:

> *"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin"*

Illi reat iehor li jinsab akkuzat bih l-imputat huwa dak tal-produzzjoni u t-tixrid ta' materjal indicenti ta' persuna ta' taht l-

età kif kontemplat bl-Artikolu 208A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:

> *"Kull cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew f'Malta sew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f'Malta, li taghmel jew tipproduci jew tippermetti li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecenti jew tipproduci, tqassam, ixxerred, timporta, tesporta, toffri, tbiegh, tissupplixxi, tittrasmetti, taghmel disponibbli, takkwista ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, jew turi dak il-materjal indecenti li jkun jinvolvi jew juri persuni ta' taht l-età tista', meta tinsab hatja, tehel il-piena ta' prigunerija minn tnax-il xahar sa hames snin."*

Illi dan il-kaz, bhal kawzi ohra ta' dan it-tip, jistrieh fil-maggjor parti tieghu fuq il-kredibilità tal-minuri -Omissis- kif korroborata mal-provi l-ohra mressqa mill-prosekuzzjoni versu dik tal-akkuzat li ghazel li ma jixhidx fil-proceduri odjerni kif kellu dritt li jaghmel, izda fejn wiegeb ghall-maggor parti tad-domandi li sarulu fl-istqarrija tieghu. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra

meta tkun qed tanalizza x-xhieda ta' minuri huma dawk tal-idonejità taghha bhala xhud u l-veracità tal-istess testimonjanza.

Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, tezisti gurisprudenza varja dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici**</u> datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk -

> *"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"**Notes on Criminal Procedure**"* b'dan il-mod:

> *"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... **Competency thus depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness**.*
>
> *Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in*

*the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that***

***witness as incompetent***[2]*. It cannot hear him without oath (...)"*

Illi meta l-vittma minuri ghaddiet biex taghti d-depozizzjoni taghha permezz tal-kawteli rikjesti mil-ligi, din il-Qorti hadet il-prekawzjonijiet kollha possibbli fosthom li tali xhud tkun taf l-importanza li tghid il-verità shiha, u ghalhekk kienet sodisfatta illi l-istess minuri fehmet li riedet tghid tali verità anke in vista tal-fatt li hija kellha età fejn setghet tifhem dak li kien qed jigi spjegat lilha. Illi di più l-verzjoni tal-minuri kienet wahda konsistenti ghall-ahhar u bl-ebda mod ma giet kontradetta jew imxejjna mid-difiza.

Illi ghalhekk isegwi li l-verzjoni tal-minuri ghandha titiqies bhala wahda korretta u certa u dan stante l-verzjoni taghha giet ikkorroborata ma' dik li tal-akkuzat fl-istqarrija tieghu fejn hu stess ammetta li hu ppartecipa f'atti ta' natura sesswali mal-vittma minuri. Il-Qorti sejra tiddikjara minn issa li tali stqarrija sejra titqies bhala prova krucjali ghal dan il-kaz odjern u dan in linea mar-ragunament ta' diversi sentenzi mill-Qrati nostrani kif ukoll Ewropea [3].

[2] Emfazi tal-Qorti
[3] **<u>Charles Steven Muscat vs Avukat Generali</u>**, deciza 11/4/2011 u 12/4/2011, Qorti tal-Appell; **<u>Beuze vs Belgium</u>**, deciza 9/11/2018, Grand Chamber tal-Qorti Ewropea; **<u>Farrugia vs Malta</u>**, deciza 4/6/2019, Grand

## Ikkunsidrat

Illi ghar-rigward tal-ewwel (1) akkuza li titratta fuq il-partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena kif sancita mill-Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 jinghad li l-parte civile kienet dettaljata fix-xhieda taghha tant li spjegat bic-car kif l-akkuzat iltaqa' mal-familja taghha kif ukoll kienet iltaqghet mal-akkuzat l-ewwel darba snin wara. Illi l-atti sesswali gew ikkorroborati mill-imputat innifsu fl-istqarrija tieghu. Hawnhekk referenza qieghda ssir a fol. 157 tal-atti processwali fejn jinghad hekk:

| | |
|---|---|
| *"Spettur Joseph Busuttil:* | *Where all the sexual encounters that you had consensual from your end as well?* |
| *Akkuzat:* | *Yes* |
| *…* | |
| *Spettur Joseph Busuttil:* | *Are you sure that every time you had sex with her it was* |

Chamber tal-Qorti Ewropea; **Mark Charles Kenneth Stephens** vs Malta, deciza 14/1/2020, Grand Chamber tal-Qorti Ewropea;

| | |
|---|---|
| | *with her consent or was there one occasion when she told you to stop and you continued?* |
| *Akkuzat:* | *Every time consent"* |

Illi f'dan il-kaz m'hemmx dubju li l-att sesswali bejn l-imputat -Omissis- u l-vittma -Omissis- sehh b'mod komplut u dan skont il-verzjoni kredibbli tal-vittma minuri kif kumparata mal-verzjoni tal-akkuzat fl-istqarrija tieghu u li fl-ebda hin ma nnega l-att allegat.

Illi di più jidher mill-kopja tar-residence document immarkat bhala Dok. JB8 li l-minuri -Omissis- kellha erbatax (14)-il sena meta sehh ir-reat. Dan id-dokument gie kkonfermat bil-gurament mill-ufficjal prosekutur l-Ispettur Joseph Busuttil u li bl-ebda mod ma gie kkontestat mid-difiza.

Illi oltre minn hekk ghandu jinghad li hareg mill-atti li l-akkuzat kien jaf li l-ewwel darba li sar jaf lill-vittma minuri kien meta hi kien ghad kellha bejn hdax (11) u tnax (12)-il sena u dan kif ikkonfermat il-vittma minuri fix-xhieda taghha. Tikkonferma wkoll

li l-akkuzat kien rega' beda jikkomunika maghha ftit snin wara dan l-ewwel inkontru. Maghdud ma' dan il-Qorti taghmel referenza ghal sensiela ta' ritratti esebiti minn missier il-vittma a fol. 74 *et sequitur* fejn jidher bic-car li l-akkuzat kien prezenti ghal festini t'gheluq snin it-tfal tal-istess missier. Huwa ghalhekk li l-akkuzat kien konsapevoli tal-fatt li kien hemm differenza kbira bejn l-età tal-vittma u l-età tieghu stess. Ghalhekk il-Qorti sejra ssib htija fuq din l-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontra l-akkuzat.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi fir-rigward it-tieni akkuza u cioè dik taht l-Artikolu 208A tal-Kodici Kriminali ghandu jinghad li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova wkoll dan ir-reat stante li fix-xhieda taghha l-parte civile kkonfermat li rat il-filmat u li gharfet lilha nnifisha kif ukoll lill-akkuzat. *Di piu`* referenza qieghda ssir ghar-rapport tal-espert Keith Cutajar a fol. 180 tal-atti processwali fejn jirrizulta bic-car li l-filmat mertu tal-kawza gie prodott mill-akkuzat stante li jidher li hu qieghed jigbed tali filmat. Gie kkonfermat ukoll li tali filmat gie mibghut mill-akkuzat stess u dan minhabba l-fatt li l-materjal spicca b'xi mod ghand missier il-parte civile.

Illi ghandu jinghad li l-Artikolu 208A ma jistipulax li jrid ikun hemm stabbilit ghand min gie mghoddi l-materjal indicenti. Biss biss tali dispozizzjoni tghid hekk:

> *"Kull cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew f'Malta sew barra minn Malta, kif ukoll kull persuna f'Malta, li* ***taghmel jew*** *tipproduci* ***jew tippermetti li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecenti jew*** *tipproduci, tqassam, ixxerred, timporta, tesporta, toffri, tbiegh, tissupplixxi, tittrasmetti, taghmel disponibbli,* ***takkwista ghaliha nnifisha*** *jew ghal haddiehor, jew turi dak il-materjal indecenti li jkun jinvolvi jew juri persuni ta' taht l-età ...*[4]*"*

Illi huwa car li b'dan l-artikolu l-legislatur ried jinkludi kull min ikollu fil-pussess tieghu materjal indicenti ta' persuna ta' taht l-età u ghalhekk l-applikabilità ta' tali Artikolu tal-ligi huwa pjuttost wiesa'. Illi mix-xhieda ta' -Omissis- kif ukoll ta' missier il-vittma, hareg bic-car li l-akkuzat kien baghat dan il-filmat lill-minuri stess. Hareg ukoll mir-rapport tal-espert Keith Cutajar li hu rnexxielu jwettaq estrazzjoni tac-cellulari ta' Kevin Alexander

[4] Emfazi ta' din il-Qorti.

Lopez u hareg ritratt tal-akkuzat flimkien mal-minuri[5]. Tali ritratt jikkonferma li kien l-akkuzat li baghtu.

Ghalhekk il-Qorti qieghda tqis li din it-tieni (2) akkuza giet ippruvata b'mod sodisfacjenti mill-prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi ghar-rigward il-piena l-Qorti ssostni u kwazi dejjem addottat it-teorija li l-gustizzja fil-kamp kriminali ghandha tkun wahda riformattiva ghall-akkuzat. Izda l-akkuzat fl-ebda mument ma wera xi tip ta' rimors ghal dak li wettaq u ma kkonvinca bl-ebda mod lil din il-Qorti li ma kienx jaf x'inhu jaghmel. Anzi l-provi juru li kien familjari mas-sitwazzjoni tal-familja ta' -Omissis- u cioè li l-minuri kienet ghaddejja minn problemi familjari u dan meta kien ghad kellha tnax (12)-il sena. Iregi alllura li l-akkuzat kien jaf li l-parte civile kienet ghadha minorenni meta sehhew l-allegati reati u ghalhekk ma jistax jigi emmnut l-akkuzat meta jghid li ma kienx jaf kemm kellha zmien il-parte civile.

[5] Liema ritratt gie pprezentat a fol 95 tal-atti processwali minn -Omissis-.

Illi għalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li piena karcerarja effettiva hija waħda idonea sabiex isseħħ il-ġustizzja u dan anke sabiex jiġu protetti l-interessi tal-minuri u l-familja tagħha.

<u>**Decide**</u>

Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(b), 204C (1) u 208A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **-Omissis-** ħati tal-akkużi kollha fi dedotti kontrih u tikkundannah għal sitt (6) snin priġunerija effettivi.

In oltre, u a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, timponi fuq l-imputat **-Omissis-** għal Ordni ta' Trazzin a favur il-parte civile għal żmien tliet (3) snin liema ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

In oltre, u a bazi tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li isem l-imputat **-Omissis-** jitpoġġa fir-Reġistru mwaqqaf a bazi ta' dan l-Att u konsegwentement tordna kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Qrati għall-annotazzjoni neċessarji.

Finalment, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat **-Omissis-** jhallas l-ammont ta' elfejn u tmien mija u tnejn u erbghin ewro u erba' u sittin centezmu (€2,842.64) rapprezentanti spejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

---------------------------------------------
**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**